# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnjen tnax (12) ta' Gunju 2017**

**Rikors Numru 308/10 FDP**

**Dr Paul Borg Olivier**
**(ID 337169M)**

**vs**

**Matthew Vella**
**(ID 279980M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 26 ta' Awissu 2010 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikoli intitolati "**Paul Borg Olivier campaigns in Sliema as he expels Dimech"** u **'You simply don't have it"** illi dehru rispettivament fil-pagni 1 u 10 kif ukoll pagna 14 tal-harga tal-MaltaToday tat 22 ta' Awissu 2010, talab lill-Qorti tiddikjara tali artikoli bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundanna lill-intimat, bhala editur ta' l-istess gurnal, ghal danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat illi l-kawza odjerna kienet qed timxi flimkien mal-kawza fl-ismijiet 'Dr Paul Borg Olivier vs Saviour Balzan', Rikors Nru 307/10, illi qed tigi deciza llum stess.

Rat iz-zewgt artikoli fuq imsemmija u esebiti mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur tieghu.

Rat ir-risposta ta' Matthew Vella ippresentata fid 29 ta' Novembru 2010 fejn laqa' ghal dak miltub billi ghamel is-segwenti difiza:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ghandu jghid liema huma l-brani mill-artikoli in kwistjoni li skond hu huma malafamanti;

2. Illi fit-tieni lok l-artikoli de quo mhux libelluzi fil-konfront tar-rikorrent.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-artikolu "You simply don't have it" l-awtur tal-istess kien qieghed jezercita d-dritt gurnalistiku tieghu u jikkummenta dwar fatti

li kienu maghrufa u kurrenti f dak il-perjodu u li kellhom fic-centru taghhom lir-rikorrenti li huwa persuna pubblika.

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-artikoli de quo hemm biss fatti maghrufa u fair comment dwar kwistjoni t'interess pubbliku, liema kummenti huma accettabli f'socjeta demokratika, kif ukoll kemm taht il-Ligi ta' 1-Istampa u ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Dr Paul Borg Olivier** moghtija fis 17 ta' Ottubru 2011 fejn, dwar l-ewwel eccezzjoni, xehed kif gej:

> *Fl-artikolu* (Paul Borg Olivier campaigns in Sliema as he expels Dimech) *hemm miktub illi qed jigi allegat li Nikki Dimech gie mkecci minni wara li jiena gejt infurmat jew sirt naf mill-Pulizija li kien ammetta ghal xi akkuzi fil-konfront tieghu. Ghandi nghid illi in fatti hemm miktub illi 'he expelled him after he was informed by police sources that Dimech had admitted asking for a kick back'.*
>
> *Jiena qieghed ukoll naghmel riferenza ghall-artikolu ta' Saviour Balzan* (You simply don't have it) *li jidher fil-pagna 14 tal-istess gazzetta fl-ewwel kolonna fil-hames paragrafu fejn qed jinghad illi jiena wara kwarta li kien iffirma statement ta' ammissjoni Nikki Dimech, jiena kont cempiltlu u kont keccejtu bi ksur tal-istatut tal-partit. U qed jigi allegat li kien hemm kolluzzjoni bejn il-Pulizija u l-partit u qieghed jigi mistoqsi illi kif jista' jkun illi jiena kont naf illi Nikki Dimech iffirma statement.*
>
> *Jiena hassejtni ingurjat minn dawn l-istatements li saru peress illi jiena la qatt kont infurmat mill-Pulizija dwar x'kien qed jigri u wisq anqas ma hemm ebda tip ta' kulluzzjoni bejni bhala Segretarju Generali tal-Partit u bejn il-Pulizija kif qed jigi allegat. Ghandi nghid illi jiena sirt naf bl-interrogazzjoni permezz ta' email illi kien l-istess Nikki Dimech illi baghatli jumejn qabel fejn dan infurmani illi kien gie mitlub sabiex imur l-Head Quarters tal-Pulizija biex jaghmlulu xi domandi dwar l-investigazzjoni ta' Stephen Buhagiar.*

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, partikolarment il-lista tat-telefonati minnu maghmulha lill Nikki Dimech fil 11 ta' Awissu 2010 fis 19.14pm u 19.16pm. (fol 25) kif ukoll l-artikolu illi deher fuq is-sit elettoniku tal-gazzetta Maltatoday fil-11 ta' Awissu 2010 fis 17.59pm intitolat "**Police summon Sliema Mayor, council contractor to answer on alleged breach of financial rules**" (fol 22).

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Angelo Gafa** moghtija fis 7 ta' Mejju 2012 fejn stqarr illi huwa kien qieghed jinvestiga lis-Sur Nikki Dimech u, wara illi ra dak allegat fl-artikoli meritu tal-kawza odjerna sahaq li:

> *"jiena ghandi nghid illi ma' Dr Paul Borg Olivier qatt m'ghamilt ebda komunika dwar dan il-kaz in kwistjoni." (fol 29)*

Rat illi fis 7 ta' Mejju 2012 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet lix-xhieda ta' **Nicky Dimech**, prodott mill-intimat, u moghtija fis 26 ta' Ottubru 2012,

Semghet ix-xhieda in kontro ezami tar-rikorrent Dr Paul Borg Olivier moghtija fit 23 ta' Settembru 2013.

Rat id-dokument, ossija email datat 9 ta' Awissu 2010 mibghut minn Nicky Dimech lir-rikorrent, a fol 48 tal-process 307/08, esebita mir-rikorrenti fit 3 ta' Marzu 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Stephen Buhagiar** moghtija fid 9 ta' Marzu 2015 u fil 15 ta' Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija emails mibghuta lir-rikorrent (fol 83 – 87 – Avviz Nru 307/10)

Semghet ix-xhieda ta' **Saviour Balzan** moghtija fis 26 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Paul Borg Olivier moghtija fis 26 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Matthew Vella** moghtija fid 19 ta' Mejju 2016.

Rat illi fid 19 ta' Mejju l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta w il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet rikorrenti.

Rat illi fis 6 ta' Jannar 2017 ir-rikorrent ippresenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat illi fis 17 ta' Frar 2017 l-intimat ippresenta s-sottomissjonijet tieghu bil-miktub.

Rat illi fis 16 ta' Marzu 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fis-sena 2010 ir-rikorrent kien is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, illi kien il-Partit li kellu l-maggoranza parlamentari dak iz-zmien.

Jirrizulta illi fis-sena 2010 kien hemm varji kwistjonijiet li kienu qed jinqalghu fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, illi kellha maggoranza ta' Kunsilliera eletti mill-Partit Nazzjonalista, illi taghha kien Sindku dak iz-zmien Nikki Dimech.

Jirrizulta illi, mument minnhom, kien hemm allegazzjoni ta' allegat korruzzjoni kontra is-Sindku Nikki Dimech, liema allegazzjonijiet kienu qed isiru minn certa Stephen Buhagiar, illi kien il-Contracts Manager tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema sakemm dana kien tkecca mis-Sindku Dimech.

Jirrizulta illi tali allegazzjonijet wasslu sabiex kemm Nikki Dimech kif ukoll Stephen Buhagiar jigu investigati mill-Pulizija tal-Frodi Ekonomika dwar tali allegat kaz ta' korruzzjoni, li dak iz-zmien kien involut fiha l-Ispettur Angelo Gafa.

Jirrizulta illi tali investigazzjoni eventwalment wasslet sabiex Nikki Dimech jitkecca mill-Partit Nazzjonalista u tnehha minn Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

Jirrizulta illi dak kollu illi kien qieghed jigri fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema kien qieghed jigi regolarment rapport mill-mezzi lokali tal-media, inkluz dawk illi tieghu l-intimat huwa l-editur, ossija il-Malta Today.

Jirrizulta illi fil-harga tal-gazzetta tal-Hadd 22 ta' Awissu 2010 dehru zewgt artikoli in konnessjoni ta' tali kwistjoni, ossija l-artikolu illi deher fil-faccata ta' quddiem tal-gazzzetta intitolat "**Paul Borg Olivier campaigns in Sliema as he expels Dimech"** u l-opinjoni ta' Saviour Balzan intitolat **'You simply don't have it"**.

Jirrizulta illi, kif stqarr ir-rikorrent quddiem dina l-Qorti, r-rikorrent hassu malafamat bil-kontenut ta' tali artikolu stante illi, kif huwa stess stqarr "*jiena la qatt kont infurmat mill-Pulizija dwar x'kien qed jigri u wisq anqas ma hemm ebda tip ta' kulluzzjoni bejni bhala Segretarju Generali tal-Partit u bejn il-Pulizija kif qed jigi allegat.*"

Jirrizulta illi fl-artikolu intitolat '**Paul Borg Olivier campagins in Sliema, as he expels Dimech**', r-rikorrent ilmenta dwar it-test segwenti:

> *"Over the last week Paul Borg Olivier expelles Dimech as a member of the PN without giving Dimech an opportunity to defend his position, as stipulated in the PN statute. He expelled him, after he was 'informed' by police sources that Dimech had admitted asking for a kickback."*

Jirrizulta illi fl-artikolu intitolat '**You simply don't have it**', ir-rikorrent ilmenta dwar it-test segwenti:

> *What is even more sinister is the fact that fifteen minutes after Nikki Dimech signed a second statement of admission to demanding kickbacks – under duress he says – from Robert Arrigo's driver Stephen Buhagiar, Borg Olivier was on the phone, and expelling Nikki in full disregard of the statute of the party.*
>
> *The only people who could have informed Borg Olivier of Dimech's second statement was a police officer. And it had to be a police source. Was it the interrogating Inspector Angelo Gafa? I would be very interested to know. But in my eyes, this collusion between the police and a political party is very serious. How could Paul Borg Olivier know that Nikki Dimech had signed a statement?"*

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent, illi ftit jiem qabel, precizament fid-9 ta' Awissu 2010, Niki Dimech kien gharrfu permezz ta' email illi kellu appuntament sabiex imur ghand il-Pulizija l-Erbgha 11 ta' Awissu 2010 fil 11 ta' filghodu.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' Niki Dimech, illi meta huwa mar ghand il-Pulizija, huwa irrilaxxja statement lill-Puluzija w inzamm mill-Puluzija. Eventwalment irrilaxxja statement iehor u fil-hamsa u nofs ta' filghaxija ta' dakinhar stess gie rilaxxjat mill-Pulizija.

Jirrizulta illi dakinhar stess, fis 17.59pm, fuq is-sit elettroniku www. Maltatoday.com, gie mtella artikolu intitolat "*Police summon Sliema mayor, council contractor to answer on alleged breach of financial rules*".

Jirrizulta illi x-xhud Niki Dimech jikkontendi illi, dakinhar stess, ftit wara illi gie rilaxxjat, ir-rikorrent, illi kien qieghed btala gewwa Ghawdex, ikkomunika mieghu fuq numru li ma gharfux u ried ikun jaf x'kien qieghed jaghmel gewwa d-Depot tal-Pulizija meta, skond l-istess Dimech, ir-rikorrent mhux suppost kien jaf illi kien qieghed d-Depot tal-Puluzija. L-istess Dimech jikkontendi illi r-rikorrent kien qallu li kien jaf illi kien ta zewgt statements lill-Pulizija u il-posizzjoni tieghu ma kienetx aktar vijabbli u kelli jirrizenja minnufih.

Jirrizulta, madanakollu, illi mix-xhieda tar-rikorrent u minn lista ta' telefonati illi huwa esebixxa li turi t-telefonati illi kien effettwa l-istess rikorrent bin-numru tal-mobile tieghu, illi attwalment ir-rikorrent kien ikkomunika ma' Niki Dimech fil-11 ta' Awissu 2010 fis-19.15, fejn kellu telefonata ta' 70 sekonda u fil 19.39, fejn kellu telefonata ta' 1,354 sekondi, ossija kwazi tlieta u ghoxrin minuta.

Jirrizulta, skond ix-xhieda tar-rikorrent, illi fit-tieni telefonata, Dimech gharraf lir-rikorrent bl-ammissjoni tieghu lill-Puluzija u bil-fatti kollha relattivi.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-Pulizija illi mexxa l-investigazzjoni, ossija l-Ispettur Angelo Gafa, ikkonferma illi huwa qatt ma ikkomunika mar-rikorrent biex jgharrfu dwar l-andament tal-inkjesta u dwar il-fatt illi, kif kien qed jigi allegat, Niki Dimech kien hareg it-tieni stqarrija fejn ammetta illi kien qieghed jitlob flus minghand Stephen Buhagiar sabiex dana ta' l-ahhar jinghata kuntratt.

Jirrizulta wkoll, mill-provi prodotti, illi, a differenza ta' dak illi qieghed jallega Niki Dimech, mhux talli r-rikorrent ma kienx a korrent tal-fatt illi l-Erbgha 11 ta' Awissu 2010 Dimech kien ser jigi interrogat gewwa id-Depot tal-Pulizija, talli kien l-istess Dimech illi, jumejn qabel, permezz ta' e-mail, gharraf lir-rikorrent illi kien ser imur id-Depot sabiex jirrispondi ghal xi domandi mill-Pulizija.

Jirrizulta, finalment, illi ghalkemm ir-rikorrent kien ikkomunika ma' Dimech fis 19.15 u 19.39 tal-11 ta' Awissu 2010, is-sit elettroniku tal-gazzetta Maltatoday, fil-17.59 ta' dakinhar stess, ossija qabel tali telefonati, kienet gia tellghet storja intitolata "*Police summon Sliema mayor, council contractor to answer on alleged breach of financial rules*" fejn qalet:

> *MaltaToday is informed that the police's economic crimes uit today summoned other members and council contractors of the local council to answer questions on an investigation into an alleged breach of financial regualtions."*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fl-artikolu illi dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrent, qieghed jigi allegat illi ir-rikorrent kien kecca lill Niki Dimech *"after he was 'informed' by police sources that Dimech had admitted asking for a kickback"*, kif ukoll illi *"this collusion between the police and a political party is very serious."*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghalkemm l-intimati kellhom aktar minn erbgha snin sabiex itellghu l-provi taghhom in sostenn ta' tali allegazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, ghajr ghax-xhieda ta' Niki Dimech, ma ressqa ebda prova in sostenn ta' dak minnhom allegat.

Apparti minn hekk, jigi osservat illi l-kredibilita' tax-xhieda ta' Niki Dimech hija dubjuza, in vista tal-fatt illi huwa kien esprima s-sorpriza tieghu ghal fatt illi r-rikorrent kien jaf li kien qed jigi interrogat gewwa d-Depot meta wara ir-rikorrent esebixxa korrispondenza ta' l-istess Dimech fejn huwa stess, jumejn qabel, kien gharrfu illi ser jigi interrogat. Tali dubju huwa ukoll naxxenti mill-fatt illi Dimech sahaq illi ser jipprovdi dokumentazzjoni in sostenn ta' dak minnu allegat izda, ghalkemm xehed diversi drabi, stqarr illi ma seta jipproduci ebda dokumentazzjoni in sostenn ta' dak minnu allegat.

Madanakollu, mill-banda l-ohra, ir-rikorrent ipprovda dokumentazzjoni sufficjenti li turi illi huwa kien attwalment ikkomunika ma' Dimech ferm wara illi Dimech kien gie rilaxxjat minghand il-Pulizija, u wara illi l-istorja kienet gia dehret fis-sit elettroniku tal-gazzetta ta' l-intimat stess.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mid-difiza imqajjma mill-intimat, illi d-difiza principali tieghu hija illi huwa kien qieghed jezercita d-dritt gurnalistiku tieghu illi jikkummenta dwar fatti maghrufa u dak minnu hemm moktub kien biss '*fair comment*' dwar kwistjoni ta' interess pubbliku.

Il-Qorti, madanakollu, filwaqt illi tifhem illi d-dritt gurnalistiku illi wiehed jirrapporta dwar fatti maghrufa huwa dritt illi ghandu jigi protett minn dawna l-Qrati, tosserva illi, fil-kaz odjern, il-kliem illi dwaru qieghed jilmenta ir-rikorrent certament ma jistghu jitqiesu bhala '*fair comment*' izda huwa certament '*statement of fact*', liema dikjarazzjoni ghalhekk trid tigi ppruvata mill-intimat sabiex jiskolpla ruhu minn kwalsiasi responsabbilta'.

Dana qieghed jinghad ghax r-rikorrent ilmenta mill-fatt illi fiz-zewgt artikoli kien hemm allegazzjoni li kien hemm kolluzzjoni bejnu, bhala Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista u l-Pulizija, fejn ir-rikorrent kien mgharraf b'informazzjoni dwar affarjiet illi intqalu minn Niki Dimech waqt l-interrogazzjoni tieghu gewwa id-Depot tal-Pulizija.

Tali allegazzjonji hija wahda serja hafna u timporta konsegwenzi serji hafna fil-konfront kemm ta' min qieghed jallega u, aktar u aktar, fuq il-persuna illi qieghed jigi allegat li kien kompartecipi f'tali kolluzjoni.

Madanakollu, mill-provi mressqa, deher car illi mhux talli ma kien hemm ebda kolluzjoni, izda talli kien il-persuna investigata stess illi gharraf lir-rikorrent bl-interrogazzjoni tieghu u ghalhekk, a differenza ta' dak illi allega l-intimat, ma kienx hemm kolluzzjoni bejn ir-rikorrent u l-Pulizija izda, semmai, kien hemm allegazzjoni skorretta illi saret da' parte ta' Niki Dimech lill-intimat meta ghadda informazzjoni lill-intimat dwar tali allegat kolluzjoni.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Fil-kaz odjern, huwa car illi gew allegatu fatti fil-konfront tar-rikorrent illi ma gew ippruvati, u ghalhekk, il-kontenut ta' l-artikoli meritu tal-kawza odjerna ghandhom jitqiesu bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk, filwaqt illi

**Tiddikjara** il-kontenut tal-artikoli intitolati "**Paul Borg Olivier campaigns in Sliema as he expels Dimech"** u **'You simply don't have it"** illi dehru rispettivament fil-pagni 1 u 10 kif ukoll pagna 14 tal-harga tal-MaltaToday tat 22 ta' Awissu 2010 bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti bhala danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 is-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

Spejjez u Imghax fuq is-sorte mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv a karigu ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur